# Kemm Kellna Festi Kmandati Qabel

Jikteb CHARLES CLEWS

Meta kienet faqqgħet il-gwerra (1939-1945), bħal f'kull gwerra anke f'Malta saret taqliba kbira. Il-gwerra ma baqgħetx tiġi kumbattuta fuq front fil-kampanja, barra l-ibliet, iżda fuqna, fuq blietna, fuq djarna. U għalkemm li aħna tal-Kottonera wara l-ħasda, ix-xokk inizjali tal-ħbit mit-Taljani, erġajna lura - bosta minna - lejn djarna, iżda l-bombi Ġermaniżi malajr ħarrbuna lejn il-kampanja bħal evakwati.

Meta s-Sur Joe Carbone minn Ħal Kirkop stedinni biex nikteb xi ħaġa għall-programm tal-festa ta' San Leonardu, Padrun tar-raħal ħelu ta' Ħal Kirkop, dak il-kunjom donnu kif igħidu l-Ingliżi, *"rang a bell"*, u dak li ħsibt jien ikkonfermahuli s-Sur Joe, meta sir naf li l-papà tiegħu hu mill-Isla, hu ta' l-età tiegħi, u konna l-iskola flimkien fl-Isla fi tfulitna, u mill-gwerrra adotta Ħal Kirkop bħala pajjiżu. Intant, aħfruli li tawwalt daqsxejn qabel ma niġi għas-suġġett. Il-ħabib tiegħi qalli biex nikteb xi ħaġa dwar kemm kellna festi, darba, jew aħjar żmien ilu, ġewwa Malta. Festi kmandati, jiġifieri. U kellna xi ħaġa tafux!

Huwa rreferieni lejn l-Istorja ta' Malta bil-Gżejjer Tagħha, ta' Pietru Pawl Castagna. U preċiżament hemm, f'Vol. 1, paġna 48 tat-tielet taqsima, insibu taħt ir-ras IL-FESTI KMANDATI. L-għadd kbir ta' dawn il-festi jġegħluk tispekola kif jista' jkun li l-ħajja Maltija kienet timxi, taħdem regolari, f'dawk iż-żminijiet.

Fi żmien l-Inkwiżitur Mons. Pietru Duzina, fl-1575, għaxar snin wara l-Assedju l-Kbir, f'Malta konna rridu nosservaw dawn il-festi kmandati kollha:-

| | |
|---|---|
| Il-Ħdud kollha tas-sena | 52 |
| Jum il-Festa ta' kull appostlu | 12 |
| Iċ-Ċirkonċiżjoni ta' Ġesù (L-Ewwel tas-Sena) | 1 |
| L-Epifanija (it-Tre Re - 6 ta' Jannar) | 1 |
| Il-Kandlora (2 ta' Frar), in-Nawfraġju ta' San Pawl (10 ta' Frar) | 2 |
| San Ġużepp (19 ta' Marzu), il-Lunzjata (25 ta' Marzu) | 2 |
| L-Għid (u l-jumejn ta' warajh) | 3 |
| Santu Cruc (Is-Salib - 3 ta' Mejju) | 1 |
| Lapsi, Pentekoste u Corpus | 3 |
| San Ġwann il-Battista (24 ta' Ġunju) | 1 |
| San Pietru u San Pawl (L-Imnarja - 29 ta' Ġunju) | 1 |
| Sant'Anna (26 ta' Lulju) | 1 |
| San Lawrenz (10 ta' Awissu) | 1 |
| Il-Vitorja (Marija Bambina - 8 ta' Settembru) | 1 |
| San Mikiel Arkanġlu (29 ta' Settembru) | 1 |
| Il-Qaddisin kollha (1 ta' Novembru) | 1 |
| Il-Kunċizzjoni (8 ta' Diċembru) | 1 |
| Il-Milied (bit-tlett ijiem ta' warajh - 25 ta' Diċembru) | 4 |
| San Silvestru (l-aħħar tas-sena) | 1 |

Kif taraw, u niffrankalkom li toqogħdu tgħoddu, dawn jagħmlu total ta' 90 festa kmandata, li fihom ma kontx tista' taħdem. U dak iż-żmien festa kmandata kienu josservawha bis-serjetà u fedeltà, mhux bħal-lum, meta ssib min iħalli x-xogħol għall-Ħadd, jew festa kmandata. U kienu wisq.

Fil-bidu tas-seklu 19, dħalna taħt amministrazzjoni Ingliża, u l-affarijiet u l-ideat bilfors li nbidlu. Daħlet mentalità oħra. U tiskanta kemm damu ma ħadu passi l-Ingliżi dwar dan l-aspett tal-ħajja Maltija. Kien biss fl-1822 li l-Gvernatur Maitland ħaseb biex jagħmel xi ħaġa.

Maitland kiteb lill-Papa renjanti, Piju VII, u talbu biex jagħti l-*fiat* tiegħu biex jitnaqqsu xi festi mid-90 waħda sabiex il-fqir ikun jista' jaħdem iżjed u jaqla' paga diċenti għalih u għall-familja. Jista' jagħti l-każ ukoll li barra din l-imħabba għall-fqir ħaddiem Malti, Maitland kien imġiegħel jagħmel dan mill-kapijiet kemm ta' l-armata u kemm tal-flotta Ingliża, li ġieli f'xi emerġenza fis-servizz tagħhom, ma kenux isibu l-*manpower* meħtieġ għall-okkażjoni li kienet tista' tkun tassew importanti.

Iżda jkollna nammettu, li meta minn 365 jum tas-sena jinħadmu 275 biss u jkollok 90 jum bil-ħajja wieqfa, huwa żżejjed. Isemmu wkoll li nhar San Martin, skond xi anzjani, kienet ukoll festa kmandata.

Ommi kienet tgħid li l-festi li kienu tneħħew minn kmandati li llum malajr tintebaħ liema kienu, kienu saru jissejħu 'tal-Quddies', jiġifieri li fihom jew f'nharhom kien rakkomandat li tisma' quddies. U bosta kienu jitħawdu, u jaħsbu li meta saċerdot minn fuq l-altar kien igħid li dawk il-festi huma hekk, kienu jkunu kmandati.

Naħseb li llum meta hawn uħud li jgħidu li forsi għandna wisq 'festi pubbliċi', meta jaqra dik il-lista, jara x'kellna dak iż–żmien. U nerġa' għal tfuliti, xi anzjani kienu jgħidulek, li barra dawk li semmejna, il-festa tar-raħal ukoll, min-nies lokali tar-raħal fejn tkun tiġi ċċelebrata l-festa, kienet tkun kmandata għalihom, li fiha ma jiswiex xogħol.

Niftakar wieħed jirrakkonta, li fir-raħal tiegħu, nhar il-festa lokali, kien hemm mara li talbet lil raġel bil-mitħna biex jitħnilha xi qamħ. Għalkemm dan irrifjuta ripetutament, fl-aħħar ċeda li jitħnilha dan l-imbierek qamħ u spiċċa li b'diżgrazzja, inqabad fil-mitħna u tilef ħajtu.

Dan ikompli jsaħħaħ l-idea ta' kemm missirijietna kienu jieħdu bis-serjetà l-fatt li jibqgħu lura mix-xogħol fil-festi kmandati, u anke fil-festi lokali.